MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI GINO LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1260/2002

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**
**IMHALLEF:**
**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**
**SEDUTA Tas-6 ta' Dicembru, 2002.**
**Citazzjoni numru 1260/2002**
**L-Avukat Renato Cefai bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Ingessil S.R.L.**
**Vs**
**Euro Chemie Products Limited.**

**Il-Qorti;**
**Rat ic-citazzjoni li biha l-attur nomine wara li ppremetta :-**
**Illi fuq ordinazzjoni tas-socjeta konvenuta, s-socjeta attrici bieaghet u kkonsenjat lill-istess socjeta konvenuta merkanzija konsistenti f'sodium silicate solution u l-ammont dovut odjern tallum huwa ta' Euro 41186 (wiehed u erbghin elf mija u sitta u tmenin) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tallum ghall-LM17373 (sbatax-il elf tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin), skond id-dokument "D";**

**Illi l-konvenuti ma hallsu ebda ammont minkejja bosta interpellazzjonijiet;**
**Illi l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur nomine l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li qed issir.**
**Talab ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :-**
**1. Tghaddi ghat-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu l67 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili;**
**2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas Euro 41186 (wiehed u erbghin elf mija u sitta u tmenin ) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju tallum ghall-LM17373 (sbatax-il elf tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin), kif wkoll tikkundanna lis-socjeta konvenut thalas l-imghax tat-8% fuq din is-somma mit-28 ta' Novembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**
**Bl-ispejjes, u imghaxijiet kif fuq citati, inkluzi dawk tal-ittra tal-20 ta' Gunju, 2002 u dawk tal-mandat kawtellatorju ta' qbid, u sekwestru tallum kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**
**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;**
**Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-tal;biet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;**
**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-attur nomine kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**